



# Mro. Ġużeppi Falzon A (Mus) L.C.M.

Mro. Falzon twieled iż-Żejtun fil-25 t'April,1928, l-ewwel fost sitt aħwa, Missieru Ġużeppi kien eletriċista u ommu Giovanna nee Bonnici li f'żogħżita frott l-għaqal u l-kapaċita' tagħha tgħallmet is-sengħa tal-ħelu u flimkien ma' ħutha bdiet id-ditta tad-dulċiera 'Tal-Ġenwiża' li għal żmien twil kienet magħrufa għal kwalita' ta' ħelu ma' Malta kollha.

Ta' erbatax-il sena Ġużeppi wara kors fil-Kulleġġ De La Salle u fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija daħal apprentista mas-sezzjoni tax-shipwrights fil-Malta Drydocks. Mal-mewt ta' missieru tmien snin wara ħa f'idejh ir-rwol ta' missier fil-ħarsien t'ommu u ħutu.Fi Frar 1952 huwa żżewweġ lil Prassede Vella, it-tifla ta' Antonio Vella surmast fl-iskola taż-Żejtun u ta' Maria Dolores oħt il-Kan. Primiċerju Dun Gwann Vella eks viċi parroku fil-parroċċa tagħna u kuratur tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena. F'Novembru tal-istess sena twieled l-ewwel iben tagħhom, Maurice, illum Tabib, u erba' snin wara twieldet Irene, l-unika tifla. Fl-1958 il-familja trasferiet ruħha fl-Isla fid-dar fi Triq iż-Żewg Mini fejn fis-snin sittin twieldu ż-żewġt itfal l-oħra Victor u Dennis. Fis-sena1967 Ġużeppi ġarrab telfa kbira meta mietet Prassede, l-għaziza mara tiegħu. Kien biss bil-għajnuna ta' ommha Maria Dolores li Ġużeppi rnexxielu jkompli jrabbi l-familja sa ma laħqu l-għanijiet tagħhom.

Fis-snin sebgħin Ġużeppi u l-familja telqu mill-Isla għal dar ġdida ġewwa Ħaż-Żabbar. Huwa baqa jgħix f'din id-dar sal-2008 meta kaġun ta' saħħtu inġabar ġewwa Villa Messina ir-Rabat sakem fl-għodwa tad-29 t'April 2014, erbat ijiem biss wara li kien għalaq is-86 sena Ġużeppi ħalla dan il-wied tad-dmugħ u mar jingħaqad mal-maħbubin li ħallew din il-ħajja qabilna.

Matul ħajtu Ġużeppi kien xempju ta' rġulija, għaqal u bżulija. Fit-tarzna kien ingħata nkarigi kbar fosthom il-bini tad-distillerija tal-Marsa u l-Baċir nur.4. Kaġun tal-ħila li wera u r-reqqa fix-xogħol Ġuzeppi tela' r-ranki kollha minn shipwright fuq is-submarines sa manager tal-ħaddieda. Is-

" Matul ħajtu Ġużeppi kien xempju ta' rġulija, għaqal u bżulija."

sengħa tal-ħaddied flimkien mal-mużika ul-qari kienu l-akbar delizzju li kellu. Il-mużika, speċjalment dik klassika, operistika u bandistika kienet namra kmieni ta' Ġużeppi. Huwa kien joqgħod fi Triq Santu Wistin fejn ftit djar l-isfel biswit Dar Nazareth kien joqgħod is-Surmast Baldacchino, li kien Surmast tal-Banda Beland u ftit 'l fuq minnu kien joqgħod Mro. Ġużeppi Spiteri li kien għalliem tal-alljievi ma'l-istess banda. Kienet għalhekk ħaga naturali li Ġużeppi jiġi nfluwenzat minn dawn iż-żewġ surmastrijiet. Infatti ta' eta' żgħira beda jitgħallem l-ewwel għand is-Surmast Spiteri fejn ħareg idoqq it-trumbun mal-banda Beland u wara taħt is-Surmast C. Baldacchino fejn kompla l-istudju tiegħu fit-teorija u l-kompożizzjoni fejn fis-sena1949 kiseb il-kwalifiki mill-London College of Music. Wara beda jħarreg lill-allievi tal-istess banda flimkien mas-Surmast G. Spiteri.

Sa minn żgħożitu Ġużeppi kien diġa juri l-kapaċitajiet mużikali tiegħu u sas-snin sittin kien diġa kiteb mal-20 marċ li kienu jindaqqu mhux biss mill-Banda Beland imma minn bosta baned Maltin. Insemmu marċi brijużi bħal Sogno d'Amore, Fiesta, Pro Patria u oħrajn. Insemmu wkoll il-marċ funebru tiegħu Gethsemane.

Mro. Falzon huwa xhieda oħra ta' kemm xettlet u ħaddret is-siġra mużikali kbira tal-Għaqda Mużikali Beland.

Ix-xewqa tal-familja hija li wara mewtu uħud minn dawn ix-xogħlijiet jiġu rregalati lill-Banda Beland li Mro Falzon kellu imħabba kbira lejha, lejn il-mużika u lejn raħal twelidu.

Is-Soċjeta' hija rikonoxxenti lejn il-Familja Falzon u ta' dan imorru r-ringrazzjamenti tagħna.(Hajr lill-iben Mro. Falzon, it-Tabib Maurice Falzon, tal-għajnuna kbira tiegħu biex stajna niktbu dan l-apprezzament) ■

" Is-Soċjeta' hija rikonoxxenti lejn il-Familja Falzon u ta' dan imorru r-ringrazzjamenti tagħna."




